Taħriġ il-fehem L-Ewwel Parti

# Harry Potter



Immaġina skola tal-maġija li fiha taraġ jiċċaqlaq, sport li jintlagħab fuq xkupa ttir u tifel li hu eroj ta' ħafna sħaħar mingħajr ma jaf. Din hija d-dinja ta' Harry Potter: id-dinja tant popolari kemm mal-kbar kif ukoll maż-żgħar, li wasslitilna l-kittieba JK Rowling. (par. 1)

L-istorja tgħidilna li saħħar kattiv, bl-isem ta' Voldemort, ipprova joqtol lil Harry meta kien għadu tifel ċkejken. Minkejja li qatel lil ommu u 'l missieru, dan ma rnexxilux joqtol lil Harry. Minflok qatlu, Voldemort irnexxielu jħalli l-marka tiegħu f'forma ta' sajjetta fuq moħħu. Wara li Voldemort tilef il-poteri kollha tiegħu minħabba li ma qatilx lil Harry, dan għeb minn wiċċ l-art u ħadd ma kien jaf x'sar minnu. Lil Harry bagħtuh jgħix maz-zijiet tiegħu, Petunia u Vernon, flimkien mat-tifel tagħhom Dudley. Dawn mhux biss ma kinux sħaħar, iżda kull forma ta' maġija kienet idejjaqhom ħafna. (par. 2)

Harry qatta' diversi snin minn ħajtu mingħajr maġija sakemm għalaq ħdax-il sena u seta' jmur l-iskola ta' Hogwarts. Iz-zijiet qatt ma qalu lil Harry li hu kien saħħar. Kellu jkun wieħed mill-ħaddiema tal-iskola stess, il-ġgant Hagrid, li jwassallu dan il-messaġġ. Malli Harry għalaq ħdax-il sena, Hagrid daħal fil-kabina fejn kienu qed joqogħdu sabiex jgħidlu li kien intagħżel għall-iskola tal-maġija, Hogwarts. Minn hawnhekk jibdew l-avventuri ta' Harry Potter. (par. 3)

A. Immarka t-tajba



1. Is-saħħar il-kattiv jismu

a. J.K. Rowling.

b. Voldemort.

ċ. Hagrid.

2. Petunia u Vernon kienu

a. sħaħar ukoll.

b. jħobbu ħafna l-maġija.

ċ. jobogħdu l-maġija.

B. Wieġeb

3. Semmi xi ħaġa li fiha l-iskola ta' Hogwarts. (par. 1)

______________________________________________

4. X'ġara minn Voldemort wara li tilef il-poteri tiegħu? (par. 2)

______________________________________________

5. Kif sar jaf Harry li kien jaf jagħmel il-maġija? (par. 3)

______________________________________________

6. Mit-tieni paragrafu, sib forma tal-partiċella mqassra, lil.

______________________________________________

7. Mit-tielet paragrafu, sib partiċella magħquda mal-artiklu.

____________________________________________________

8. Mit-tielet paragrafu sib kelma li tfisser 'bosta'. ________________________